# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-25 ta' Mejju, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 712/17 fl-ismijiet:**

***Western Company Limited***
**(C – 19994)**

**vs.**

**Stephen Zammit**
**(ID. 541563 (M))**
**iben Edward Zammit u Maria Dolores Zammit nee` Borg, imwielda Mtarfa u residenti Mqabba.**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 6), li permezz tieghu:

   2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

   2.2. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

   2.3. Appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta datata t-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 10);

4. Illi in vista tal-istess risposta, regghet rat l-istess rikors promotur fejn jirrizulta li l-intimat kien notifikat bl-istess rikors fl-10 ta' Mejju, 2017, (ara foll 8), u konsegwentement irrappuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm issa indikata, (ara foll 1 u 9);

Ikkunsidrat:

5.0. Illi sintetikament is-socjeta` rikorrenti titlob is-segwenti:

   5.1. Illi l-intimat jinzamm milli jbiegh jew jittrasferixxi l-proprjeta` numru 319, "El-Shaddie", Triq il-Htajriet, il-Mosta;

   5.2. Illi hi kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' €20,000.00, bilanc dovut mill-intimat fuq bejgh ta' vetturi lilhu mibjugha izda mhux imhallsa;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

   6.1. Illi jaf bil-kreditu tal-genituri tieghu;

6.2. Illi hu ghandu nofs indiviz tal-fond fuq riferit flimkien ma' huh;

6.3. Illi jrid jivverifika l-*quantum* involut;

7. Illi *di piu`*, rat il-verbal datat it-23 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-intimat informa lill-qorti li l-mandat in dizamina kellu ghalhekk jigi akkordat, purche` jzomm ferm id-drittijiet tieghu fil-mertu fir-rigward;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

8.2. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat l-10 ta' Mejju, 2017, fuq riferit, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

8.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**